MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 245/2006

Kawza fil-lista: 44

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat C B fil-hdax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u dan kif jirrizulta mic-cetifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. JD;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal minhabba li l-intimat zewgha kien dejjem jghidilha li biex ikollhom it-tfal

ried jehles mid-dejn li ghandu fuq id-dar matrimonjali li kienet proprjeta’ parafernali tieghu;

3. Illi xaharejn qabel it-tieg hija hassret minhabba li meta l-intimat beda jahdem il-Libja r-rikorrenti ratu mibdul, mohhu biss fil-hrug mal-hbieb u fil-karozza izda kien wara li l-intimat mar jibki ghand missierha li thassritu u regghet lura mieghu.

4. Illi izda matul iz-zwieg minflok ma’ l-konvenut irsista biex ihallas id-dejn li kellu tletin sena biex jinqata’, minflok baqa’ jitnikker u zied id-dejn ma’ li kellu fuq vettura li ghandu u li ghammarha bi tlett televisions, dvd player, play station u kull ma tista’ timmagina u dan id-dejn kollu li ghamilha impossibli li huma qatt xi darba seta’ jkollhom it-tfal;

5. Illi l-arrangament qabel iz-zwieg veru kien li ma jkollhomx tfal qabel jithallas il-loan fuq id-dar izda r-rikorrenti qatt ma basret li dan kien se ikun tletin sena ohra meta jhallas il-house loan u cioe’ meta jkollha 56 sena;

6. Illi ghalhekk il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

7. Illi ghalhekk il-kunsens tar-rikorrenti inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ta’ dritt tal-att taz-zwieg;

8. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-Ligi.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex :

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-11 ta' Ottubru 2003 fuq imsemmija huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavids prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-11 ta' Ottubru 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d]u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi mhux kontraddetti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Ottubru 2003, meta allura l-attrici kellha 23 sena u l-konvenut kellu 28 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien ghal diversi snin. F' Mejju tas-sena 2006, wara konvivenza matrimonjali ta' sentejn u seba' xhur, il-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

Illi l-attrici tispjega li hija kienet ilha tohrog mal-konvenut minn mindu kellha 13-il sena. Wara li huma kienu ilhom flimien circa 9 snin, l-attrici bdiet tiffitta lill-konvenut biex jizzewgu; bir-rizultat li f' Settembru 1999 huwa mar jahdem fil-Libya, izda meta gie lura mill-Libya hija hasset li l-konvenut kien inbidel u di fatti xaharejn qabel id-data taz-zwieg l-attrici hassret minn mal-konvenut, peress li ratu mibdul anke fil-konfront taghha. Kien beda jagixxi b' mod

stramb fis-sens li kien izjed ifittex il-kumpanija tal-hbieb irgiel tieghu bil-karrozzi, milli taghha. Kien beda' jghidilha li tieg ma riedx u li ma ried lil hadd jattendi ghac-ceremonja; izda sussegwentement, l-attrici, anke bl-ghajnuna ta' habib tal-familja, accettat li tizzewgu.

Hija tghid li sa minn qabel iz-zwieg il-konvenut kien ghamilha car maghha li huwa ma riedx tfal qabel ma jaqta' d-dejn li kellu fuq id-dar, u l-attrici kienet accettat; izda matul iz-zwieg l-attrici bdiet tinnota li l-konvenut, mhux talli ma kienx ser jaqta' d-dejn qabel tletin [30] sena, izda li kien qed izidu sostanzjalment bi nfiq fuq il-karrozza li kellu. Hija telenka l-oggetti li kien xtara ghall-karrozza ammontanti komplessivament ghas-somma ta' Lm18,000.

Huwa baqa' jinsisti li qabel ma jinqata' d-dejn kollu huwa ma riedx tfal. Konformament ma' dan, il-konvenut ma kienx jaghmel l-att taz-zwieg komplett ma' l-attrici, u kien jritria minn fuqha biex jispicca barra. Hija tispjega li dejjem hi kienet tavvicinah ghall-att taz-zwieg, u dan "minn dejjem".

Hija tghid li hu kien jippreferi l-karrozza tieghu, li kien jirriferi ghaliha bhala 'il-mara tieghu' milli lilha; u tirrakkonta kif dakinhar taz-zwieg, minflok wara z-zwieg, tela' maghha d-dar huwa nizel isfel fil-garage u qaghad jirranga l-istereo tal-karrozza. L-attrici tispjega kif fis-sentejn u seba' xhur li damu jghixu flimkien "konna naghmlu anke xaharejn ma jharisx lejja" u [imbaghad] kienet tersaq lejh hi peress li hi dejjem riedet familja u qatt ma riedet thassar iz-zwieg taghna. Tghid: "Ghax kien deciz, jibza' li jmiss mieghi ghax ikollna t-tfal. Kien deciz li ma jridx. Kien joqghod jivvintali dawk l-affarijiet." Fl-affidavit taghha tghid: "Fis-sodda huwa qatt ma kien jersaq lejja, u dejjem jiena kont irrid infittxu. Dejjem kien jghidli li ghajjien."

L-attrici tirrakkonta kif, nonostante li l-konvenut kien jiddejjen biex jixtri l-accessorji ghall-karrozza tieghu, lilha kien jaghlqilha l-ilma u l-uzu tal-cable, u ma kienx ihalliha tuza l-washing machine, ghax kien jghidilha li l-konsum tad-dawl u ilma kien ihallsu hu. F' Mejju tas-sena 2006,

meta l-attrici rat li l-konvenut ma kellux hsieb li jhallas id-dejn sa tletin sena, meta allura hija jkollha 56, u li d-dejn kien dejjem jizdied, hija telqet mid-dar “ghax ma flahtx nissaporti aktar”.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**
Illi l-Qorti semghet lill-attrici tixhed u taghtiha affidament. Inoltre x-xhieda taghha tinsab korroborati mix-xhieda ta’ familjari taghha.

Illi mill-provi jirrizulta manifest li l-konvenut ma riedtx jghix il-hajja matrimonjali ma’ l-attrici. Fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ghalkemm esternament huwa ghadda minn cerimonja ta’ zwieg, izda internament u b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu, huwa eskluda [1] l-obbligu tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-benessere <u>reciproku</u>; u [2] l-obbligu li jkollu tfal minn dan iz-zwieg.

Rigward l-ewwel obbligu, il-Qorti tosserva li n-nuqqas da parti tal-konvenut jirrizulta car mill-mod kif hu kien agixxa tlett xhur qabel it-tieg, kif ukoll mill-komportament tieghu mill-bidu nett tal-konvivenza matrimonjali. Huwa kien insensittiv ghall-ahhar ghall-bzonnijiet ta’ martu li zzewget biex ikollha familja, u kien aktar interessat fil-karrozza tieghu milli f’ martu. Di fatti qatt ma kien jersaq lejha ghar-relazzjonijiet intimi u kien juri certu riluttanza li jkollu x’ jaqsam ma’ martu – u dan meta kienu ghadhom mizzewgin friski !

Rigward it-tieni obbligu, il-Qorti tosserva li jirrizulta manifest li l-konvenut ma riedx tfal minn dan iz-zwieg, u kien jiehu l-prekawzzjonijiet <u>hu</u>, biex <u>jassigura</u> li l-koppja ma jkollhomx tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata ghar-ragunijiet kontemplati fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 unikament imputabbli lill-konvenut.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kkuntrattat bejn il-

partijiet fil-11 ta' Ottubru 2003. L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------